

**Dispożittiv**

Proprjetà immobbli mogħtija b'kiri fi Stat Membru, f'ċirkustanzi fejn il-proprjetarju ta' din il-proprjetà immobbli ma għandux il-persunal tiegħu stess sabiex jeżegwixxi l-provvista marbuta mal-kiri, ma hijiex stabbiliment permanenti fis-sens tal-Artikolu 43 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxa fuq il-valur miżjud kif ukoll tal-Artikoli 44 u 45 tad-Direttiva 2006/112 kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2008/8/KE tat-12 ta' Frar 2008.

(<sup>1</sup>) ĠU C 87, 16.3.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-3 ta' Ġunju 2021 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de Aragón – Spanja) – Servicio Aragonés de Salud vs LB**

(Kawża C-942/19) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika soċjali – Ftehim qafas bejn ETUC, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat – Klawżola 4 – Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni – Rifjut ta' talba ta' għoti ta' kollokament għal impjeg fis settur pubbliku previst għall-persunal statutorju permanenti – Leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-benefiċċju ta' dan il-kollokament fil-każ ta' teħid ta' impjeg temporanju – Kamp ta' applikazzjoni – Inapplikabbiltà tal-Klawżola 4 – Nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja)*

(2021/C 289/16)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Aragón

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Servicio Aragonés de Salud

Konvenut: LB

**Dispożittiv**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mit-Tribunal Superior de Justicia de Aragón (il-Qorti Superjuri tal-Ġustizzja ta' Aragón, Spanja), permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Diċembru 2019.

(<sup>1</sup>) ĠU C 103, 30.3.2020.

---